



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 1/21

Il-Lussemburgu, 13 ta' Jannar 2021

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-645/19
Facebook Ireland Limited, Facebook INC, Facebook Belgium BVBA vs
Gegevensbeschermingsautoriteit

**L-Avukat Ġenerali Bobek: I-awtorità għall-protezzjoni tad-data fl-Istat fejn kontrollur
jew proċessur tad-data jkollu l-istabbiliment prinċipali tiegħu fl-Unjoni Ewropea
għandha kompetenza ġenerali sabiex tiftaħ proċeduri ġudizzjarji għal ksur tal-GDPR
fir-rigward ta' proċessar transkonfinali ta' data**

*L-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data kkonċernati l-oħra huma xorta waħda intitolati jifitħu tali
proċeduri fl-Istat Membru rispettiv tagħhom f'sitwazzjoni fejn il-GDPR speċifikament
jippermettilhom jagħmlu dan*

F'Settembru 2015, l-awtorità għall-protezzjoni tad-data Belġjana fetthet proċeduri quddiem il-qorti Belġjani kontra diversi kumpanniji li jagħmlu parti mill-grupp Facebook (iktar 'il quddiem "Facebook"), b'mod partikolari Facebook INC, Facebook Ireland Ltd, li hija l-istabbiliment prinċipali tal-grupp fl-Unjoni Ewropea, u Facebook Belgium BVBA (iktar 'il quddiem "Facebook Belgium"). Fil-proċeduri msemmija, l-awtorità għall-protezzjoni tad-data talbet li Facebook tiġi ordnata tiegħaf milli tqiegħed, fir-rigward ta' kull utent tal-internet stabbilit fil-Belġju u mingħajr il-kunsens tiegħu, ċerti cookies fuq l-apparat użat minn dan l-utent meta jnaviga paġna internet fuq id-dominju Facebook.com jew meta jmur fuq sit internet ta' terzi, kif ukoll milli tiġbor b'mod eċċessiv data permezz ta' plugins fuq networks soċjali u ta' pixels fuq siti internet ta' terzi. Barra minn hekk, hija talbet il-qerda tad-data personali kollha miksuba permezz ta' cookies u ta' plugins fuq networks soċjali, għal kull utent tal-internet stabbilit fil-Belġju.

Il-proċeduri inkwistjoni jinsabu attwalment pendenti quddiem il-Hof van beroep te Brussel (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell, il-Belġju), iżda l-portata tagħhom hija limitata għal Facebook Belgium, sa fejn l-imsemmija qorti preċedentement stabbilixxiet li ma kellhiex ġurisdizzjoni fir-rigward tal-kawża mressqa kontra Facebook INC u Facebook Ireland Ltd. F'dan il-kuntest, Facebook Belgium issostni li, b'effett mid-data li fiha sar applikabbli r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-data (iktar 'il quddiem il-"GDPR")¹, l-awtorità għall-protezzjoni tad-data Belġjana tilfet il-kompetenza tagħha li tkompli bil-proċeduri ġudizzjarji inkwistjoni kontra Facebook. Hija targumenta li, skont il-GDPR, hija biss l-awtorità għall-protezzjoni tad-data tal-Istat fejn Facebook għandha l-istabbiliment prinċipali tagħha fl-Unjoni (l-hekk imsejja awtorità għall-protezzjoni tad-data "ewlenija" fl-Unjoni fir-rigward ta' Facebook), jiġifieri d-Data Protection Commission (il-Kummissjoni tal-Protezzjoni tad-Data) Irlandiża, li għandha s-setgħa tressaq proċeduri ġudizzjarji kontra Facebook għal ksur tal-GDPR fir-rigward ta' proċessar transkonfinali ta' data.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Hof van beroep te Brussel staqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-GDPR effettivament jipprekludix lill awtorità għall-protezzjoni tad-data nazzjonali li ma tkunx l-awtorità għall-protezzjoni tad-data ewlenija milli tressaq proċeduri ġudizzjarji fl-Istat Membru tagħha kontra ksur tar-regoli tal-GDPR fir-rigward ta' proċessar transkonfinali ta' data.

Fil-konklużjonijiet ippreżentati illum, l-Avukat Ġenerali Michal Bobek jikkonstata, l-ewwel, li mill-formulazzjoni² tal-GDRP jirriżulta li **l-awtorità għall-protezzjoni tad-data ewlenija għandha**

¹ Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2). Il-GDPR daħal fis-seħħ fl-24 ta' Mejju 2016 u japplika b'effett mill-25 ta' Mejju 2018.

² Premessa 124, Artikolu 56(1) u (6).

kompetenza ġenerali fuq l-ipproċessar transkonfinali ta' data, inkluż il-ftuħ ta' proċeduri ġudizzjarji għal ksur tal-GDPR, u, b'implikazzjoni, l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data kkonċernati l-oħra jgawdu minn setgħa iktar limitata li jaġixxu f'dan ir-rigward.

Fir-rigward tal-fatt li l-GDPR jaġħti lil kull awtorità għall-protezzjoni tad-data s-setgħa li tibda proċeduri ġudizzjarji kontra ksur possibbli li jaffettwa t-territorji tagħhom, l-Avukat Ġenerali jindika li **din is-setgħa hija espliċitament limitata fir-rigward ta' pproċessar transkonfinali ta' data** preċiżament bil-għan li l-awtorità għall-protezzjoni tad-data ewlenija tkun tista' teżerċita l-kompiti tagħha f'dan ir-rigward.

It-tieni, l-Avukat Ġenerali jfakkar li **l-iskop stess tal-introduzzjoni tal-mekkaniżmu ta' punt uniku ta' servizz stabbilit fil-GDPR**, fejn ingħata rwol sinjifikattiv lill-awtorità għall-protezzjoni tad-data ewlenija u fejn ġew stabbiliti mekkaniżmi ta' kooperazzjoni intiżi li jiġu involuti l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data l-oħra, **kien li jiġu indirizzati ċerti nuqqasijiet li kienu jirriżultaw mill-leġiżlazzjoni preċedenti**³. Fil-fatt, l-operaturi ekonomiċi kienu obbligati jikkonformaw ruħhom ma' diversi settijiet ta' regoli nazzjonali li kienu jimplementaw din il-leġiżlazzjoni u, fl-istess ħin, kienu meħtieġa jżommu kuntatt mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data nazzjonali kollha, obbligi dawn li kienu jinvolvu piż finanzjarju għoli, li kienu kkumplikati, li kienu jirrikjedu ħafna żmien għal dawn l-operaturi, u li kienu sors inevitabbli ta' inċertezza u ta' kunflitti għalihom u għall-klijenti tagħhom.

Fir-rigward tal-argumenti dwar l-aċċess għal qrati mis-suġġetti tad-data kkonċernati, l-Avukat Ġenerali jenfasizza li dawn is-suġġetti jistgħu jressqu proċeduri direttament kontra l-kontrolluri jew il-proċessuri tad-data quddiem, fost oħrajn, il-qrati tal-Istat Membru tar-residenza tagħhom. Barra minn hekk, l-Avukat Ġenerali jindika li s-suġġetti tad-data jistgħu lment quddiem l-awtorità għall-protezzjoni tad-data tal-Istat Membru tagħhom anki meta l-awtorità għall-protezzjoni tad-data ewlenija tkun l-awtorità għall-protezzjoni tad-data ta' Stat Membru ieħor. Fil-każ li l-ilment jiġi miċħud, id-deċiżjoni dwar dan tiġi adottata u nnotifikata lil min ikun ressaq l-ilment mill-ewwel awtorità, u b'hekk dan tal-aħħar ikun jista' jikkontesta din id-deċiżjoni quddiem il-qrati tar-residenza tiegħu.

It-tielet, l-Avukat Ġenerali jenfasizza li **l-awtorità għall-protezzjoni tad-data ewlenija ma tistax titqies li hija l-unika responsabbli għall-infurzar tal-GDPR f'sitwazzjonijiet transkonfinali u għandha**, konformement mar-regoli u mat-termini rilevanti previsti fil-GDPR, **tikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data kkonċernati l-oħra**, li l-kontribut tagħhom f'dan il-qasam huwa kruċjali.

Ir-raba', l-Avukat Ġenerali jenfasizza li f'diversi sitwazzjonijiet l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data nazzjonali, anki meta ma jaġixxux b'ħala l-awtorità ewlenija, xorta waħda jistgħu jressqu proċeduri quddiem il-qrati tal-Istat Membru rispettiv tagħhom fil-każ ta' pproċessar transkonfinali. Dawn is-sitwazzjonijiet huma, b'mod partikolari, dawn li ġejjin: meta l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data nazzjonali (i) jaġixxu barra mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-GDPR; (ii) jinvestigaw ipproċessar transkonfinali ta' data mwettaq minn awtoritajiet pubbliċi, fl-interess pubbliku, fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali jew minn kontrolluri li ma jkunux stabbiliti fl-Unjoni; (iii) jadottaw miżuri ta' urġenza; jew (iv) jintervjenu wara li l-awtorità għall-protezzjoni tad-data ewlenija tkun iddeċidiet li ma tittrattax każ.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Avukat Ġenerali jqis li **l-GDPR jippermetti lill-awtorità għall-protezzjoni tad-data ta' Stat Membru tressaq proċeduri quddiem qorti ta' dan l-Istat** dwar allegat ksur tal-GDPR fir-rigward ta' pproċessar transkonfinali ta' data, u dan minkejja li ma tkunx l-awtorità għall-protezzjoni tad-data ewlenija li għandha setgħa ġenerali li tibda tali proċeduri, bil-kundizzjoni li tagħmel dan fis-sitwazzjonijiet fejn il-GDPR speċifikament jaġħtiha kompetenzi f'dan is-sens u skont il-proċeduri korrispondenti stabbiliti fil-GDPR.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawżi li jkun

³ Direttiva 95/46/KE.

għew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Immaġni tal-preżentazzjoni tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106